**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 613/2020 AF**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1729/2017/JRM fl-ismijiet:

**Attard Gordon**

**vs**

**Dhalia Real Estate Services Limited (C-22364)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dhalia Real Estate Services Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar il-mandat ta' sekwestru 1729/2017 fl-ismijiet Attard Gordon vs Dhalia Real Estate Services Limited.

Rat ir-risposta ta' Gordon Attard.

Ikkunsidrat illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* intalab u gie akkordat lil Gordon Attard biex dan jikkawtela pretensjoni tieghu fil-konfront tas-socjetà Dhalia Real Estate Services ghal hlas ta' danni, *commissions* u pagi dovuti lilu.

Dhalia Real Estate Services ma tindikax fuq liema provvediment tal-Art. 836 tal-Kap. 12 qeghda ssejjes it-talba taghha. Tiddikjara biss illi sar b'mod frivolu u vessatorju u ser jirreka danni lilha.

Il-Qorti tenfasizza illi f'dan l-istadju tal-proceduri, (s-sentenza fil-mertu qeghda tigi pronunzjata llum stess minn din il-Qorti kif presjeduta), il-Qorti m'ghandhiex tiskarta leggerment il-jedd ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi.

Fil-kaz in ezami ma ngabet lil Qorti ebda raguni valida biex twassalha thassar il-mandat f'cirkostanzi fejn illum stess Dhalia qeghda tigi kkundannata thallas lil Gordon Attard is-somma ta' €53,692.85 (tlieta u hamsin elf, sitt mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu), bl-ispejjez. Madanakollu l-Qorti tqis illi fid-dawl tas-sentenza li qeghda tigi pronunzjata llum, l-ammont kawtelat bil-mandat ghandu jinzel ghal €75,000 (hamsa u sebghin elf Ewro).

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Dhalia Real Estate Services Limited.

IMHALLEF